MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2009

Appell Civili Numru. 219/2006/1

**Malta College of Arts, Science & Technology**

**vs**

**George Chetcuti**

**Il-Qorti,**

Fil-25 ta’ Gunju, 2008, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> “Il-Qorti,
>
> Rat ir-rikors fuq indikat datat l-24 ta’ Lulju tas-sena 2006 li permezz tieghu l-Kullegg rikorrent sejjah lill-intimat fuq indikat quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m’ghandux ikun ikkundannat:
>
> 1. Illi jhallas lir-rikorrenti s-somma ta’ elfejn, disa’ mija u sebgha u tmenin Lira Maltin u tmienja

u sebghin centezmu, (LM2,987.78,0), rapprezentanti kwantu ghal elfejn, tlett mija u sebgha Liri Maltin, (LM2,307.00,0), dovuta minnu wara li abbanduna l-impjieg tieghu mal-Kullegg rikorrent, liema somma tirrapprezenta nofs il-paga tieghu ghall-perjodu bejn l-1 ta’ Settembru tas-sena 2005, u l-5 ta’ Ottubru tas-sena 2006 li kieku l-intimat ma abbandunax l-impjieg tieghu qabel iz-zmien u dan, ai termini ta’ l-artikolu 36 (12) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta’ Malta u kwantu ghal sitt mija u tmenin Lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu, (LM680.78,0), rapprezentanti ammont imhallas lilu izjed milli dovut u li ma rrifondiex lura lill-Kullegg rikorrent;

2. Bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tal-prezentata tar-rikors kontra l-intimat li hu ngunt gha-subizzjoni;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata t-23 t’Ottubru tas-sena 2006 li permezz taghha l-intimat eccepixxa s-segwenti:

1. Illi t-talba attrici ghal dak illi jirrigwarda l-pretenzjoni illi hija dovuta s-somma ta’ elfejn, tlett mija u seba’ Liri Maltin, (LM2,307.00,0), ghandha tigi michuda bhala infundata fil-fatt u fid-dritt stante illi kif sejjer jirrizulta mit-trattazzjoni ta’ din ir-risposta, il-konvenut qatt ma abbanduna l-impjieg tieghu ma’ l-attrici;

2. Illi dwar it-talba ghas-somma l-ohra ta’ sitt mija u tmenin Lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu, (LM680.78,0), pretiza mill-Kullegg rikorrent ammont mhux kollu dovut stante li hemm ammont li l-istess kullegg ghandu jirrifondi lill-intimat rapprezentanti kontribuzzjonijiet ghas-Sigurta’ Socjali mhallsa zejda mill-intimat kagun ta’ zball amministrattiv ta’ l-attrici;

3. Salvi risposti ulterjuri;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ezaminat id-dokumenti esebiti, inkluzi l-affidavitijiet prodotti;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet sottomessi mir-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-intimat kien impjegat bhala "assistant lecturer" mal-kullegg rikorrent u dahal f'dan l-inkarigu f'Ottubru tas-sena 2003 permezz ta' kuntratt ta' impjieg definittiv datat is-6 t'Ottubru tas-sena 2003, (ara fol 23);

2. Illi l-kullegg rikorrent isostni li l-intimat kien inghata bi ftehim bejnu u l-Kap ta' l-istess Kullegg dak li jissejjah status ta' "reduction of hours";

3. Illi meta d-dipartiment tal-finanzi ta' l-istess Kullegg ipprocessa din il-pozizzjoni biex ikun naturalment jista' jirriassetta s-salarju ta' l-intimat instab li qabel din l-ordni partikolari l-istess intimat kien diga imqieghed fuq dan l-istatus partikolari minghajr ma kien hemm riaggustament ekwivalenti fis-salarju ta' l-istess intimat;

4. Illi ghalhekk tul dan il-perjodu involut l-intimat kien qieghed jarrikkixxi ingustament billi baqa' jithallas ruhu bhala "full timer" meta fil-fatt kien qed jahdem numru ta' sieghat anqas;

5. Illi ghalhekk il-kap tad-dipartiment tal-finanzi ta' l-istess Kullegg kien sejjah laqgha ma' l-intimat biex l-ammont imhallas indebitament jigi rifuz mill-intimat lill-Kullegg de quo;

6. Illi f'din il-laqgha intlahaq ftehim bejn il-partijiet billi jibda jhallas mitt Lira Maltin, (LM100.00,0), fix-xahar lill-Kullegg u jghaddi xi rifuzjoni li kellu jiehu mid-dipartiment tat-taxxi lill-istess Kullegg;

7. Illi minkejja dan il-ftehim, l-intimat ghazel li f'Settembru tas-sena 2005 ma jidholx aktar lura ghax-xoghol fl-istess Kullegg;

8. Illi meta l-intimat gie rintraccat mitlub jinforma lill-Kullegg bl-atitudini li kien ser jadotta biex jirrifondi l-ammonti indebitament imhallsa lilu, dan talab ikun infurmat bl-ammont li sa dak iz-zmien kien ghad baqghalu jirrifondi biex ikun jista' jikkonkludi kollox pozittivament sa Ottubru ta' dik l-istess sena;

9. Illi permezz ta' nota elettronika riprodotta a fol 30, l-intimat ammetta l-ammonti kollha minnu dovuti lill-Kullegg de quo;

10. Illi stante li l-intimat baqa' ma hallasx l-ammont minnu dovut skond il-ftehim milhuq, il-Kullegg intimat kien kostrett jipprocedi bil-procedura odjerna biex jittutela l-munus pubblicum li wara kollox jalimentah;

11. Illi ezaminat id-dokumenti mmarkati Dok CL 1 u fol 2 u ma ssib xejn x'tirrimprovera;

Ikkunsidrat:

Illi minn naha tieghu l-intimat sintetikament isostni s-segwenti:

1. Illi effettivament kien impjegat bhala "assistant lecturer" mal-Kullegg de quo mis-6 t'Ottubru tas-sena 2003;

2. Illi minhabba ta' zball amministrattiv is-salarju ta' l-intimat kellu jigi riaggustat kif indikat aktar qabel;

3. Illi kien dam biex jinforma permezz ta' ittra lil min kien inkarigat li kien ittermina l-impjieg tieghu mal-Kullegg de quo, ghaliex kien mimli impenji ohra, (ara fol 15);

4. Illi ghalhekk qed jirribatti t-talbiet tal-Kullegg rikorrent;

Ikkunsidrat:

Illi in effetti r-relazzjoni ta' l-intimat mal-Kullegg de quo tippekka zzejjed fi flessibilita' illegittima u mhux ghaqlija;

Illi meta ghalhekk wiehed gie biex jirregolarizza s-sitwazzjoni li mhux suppost thalliet tizviluppa, l-intimat inhasad u hassu aggravat;

Illi nonostante dan l-aspett psikologiku xorta jibqa' l-fatt li b'dan l-agir xejn ortodoss, hu gie finanzjarjament agevolat billi kien qed jithallas ta' xoghol li m'ghamilx u meta l-partijiet gew biex jirrimedjaw is-sitwazzjoni, gew severi l-kuntatti bejn il-partijiet qabel ma kienet rizolta gustament il-vertenza;

Illi mill-ezami tar-rendikont ipprezentat mill-Kullegg de quo, din il-qorti m'ghandha xejn x'tilmenta u tikkunsidrah bhala analizi gusta ta' kif zviluppat is-sitwazzjoni bejn il-partijiet;

Ghaldaqstant din il-qorti qed tirrespingi l-eccezzjonijiet ta' l-intimat u ghall-ewwel wahda tissottolinea li dan hu l-ammont dovut mill-intimat ghall-paga indebita imhallsa lilu, u ghat-tieni, anke ghaliex espressament maqbula mill-istess intimat;

> Illi konsegwentement tirrespingi l-istess eccezzjonijiet sollevati mill-intimat u takkolji t-talbiet tal-Kullegg rikorrent u allura:
>
> Tikkundanna lill-intimat George Chetcuti biex ihallas lill-Kullegg konvenut Malta College of Arts, Science and Technology l-ammont ta' sitt elef, disa' mija u disgha u hamsin Ewro u hamsa u sittin centezmu, (€6,959.65), kif indikat fir-rikors promotur, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali dovuti skond il-ligi kif ukoll mitluba fl-istess rikors promotur."

Fil-kontestazzjoni ta' din is-sentenza l-konvenut iressaq b'obbjezzjoni generali illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi, tat-talba promotrici tal-Kullegg u tal-principji tal-ligi ghar-regolamentazzjoni tal-materja;

Jirrizulta mill-kuntratt ta' impjieg tas-6 ta' Ottubru, 2003 (fol. 23) illi l-konvenut appellanti kien appuntat mill-Kullegg bhala *assistant lecturer* ghall-perijodu definittiv ta' tliet snin. Kontemporanjament ma' dan l-istess kuntratt kien sar "Addendum", li permezz tieghu l-appellanti kellu jahdem numru ta' sieghat aktar ridotti fil-gimgha minn dak raffigurat fil-kuntratt principali. Gara li bi zball l-konvenut beda jithallas f'paga ghab-bazi tan-numru ta' sieghat specifikati fil-kuntratt u mhux skond in-numru espress fl-"Addendum". Il-Kullegg talbu r-rifuzjoni ta' l-ammont zejjed imhallas indebitament u fl-istess zmien l-appellanti baghat ir-rizenja tieghu mill-impjieg;

Premess dan il-kwadru qasir tal-fatti l-aktar saljenti, il-punt li ried jigi deciz fil-kawza kien principalment jivverti fuq il-konsiderazzjoni jekk il-Kullegg appellat kienx intitolat jitlob minghand l-appellanti il-hlas ta' nofs il-paga li, talvolta, kienet tkun dovuta ghall-perijodu ta' zmien indikat fl-Avviz promotur;

Jidher, li sija mill-elenku tal-fatti kif esposti minnu fir-rikors ta' l-appell, sija mill-argomentazzjoni tieghu fl-istess rikors, illi l-appellanti qieghed jikkwerela l-uzu tal-kelma "abbandun" fil-premessa ghat-talba attrici. Apparti li jikkontesta dan l-addebitu rivolt fil-konfront tieghu, dan jaghmlu billi jislet id-differenza bejn din l-istess kelma u dik tar-"rizenja" espressa minnu bl-ittra tieghu tat-30 ta' Gunju, 2005 (fol. 18). Huwa, di fatti, jissottometti illi r-"rizenja" ma tikkwalifikax bhala "abbandun" in kwantu din ta' l-ahhar tippresupponi qaghda mill-aktar irresponsabbli. Inversament, dejjem skond l-appellanti, ir-rizenja, permezz ta' pre-avviz bil-miktub, tikkontempla sitwazzjoni ta' responsabilita` ghaliex tikkoncedi lil min ihaddem l-opportunita u z-zmien li jfittex sostitut;

Innegabilment, in-nozzjoni ta' "abbandun" tikkomprendi kondotta li turi nuqqas ta' adempiment da parti ta' l-impjiegat mad-doveri gravanti fuqu mir-rapport tax-xoghol u tali li ggib pregudizzju, anke rilevanti, lil min ihaddem. B'danakollu, fil-fehma ta' din il-Qorti, id-diversita` ontologika bejn l-"abbandun" u r-"rizenja" mhux tant fondamentali ghall-iskop ta' l-accertament li l-Qorti kienet bit-talba promossa mistiedna li taghmel. Accertament, li kien ukoll mistenni li jkun wiehed rigoruz u akkurat, trattasi li jkun determinat is-sinjifikat ta' dik id-dikjarazzjoni jew imgieba ta' l-impjegat ghal liema ghandu jigi assenjat valur guridiku;

Premess dan, il-ligi fis-subincizi (11) u (12) ta' l-Artikolu 36 ta' l-Att dwar l-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali (Kapitolu 452) tintroduci l-principju illi kull wiehed mill-kontraenti f'rapport tax-xoghol ghal zmien definit jista' jirrecedi minnu u jgib fit-tmiem dak l-istess rapport. Id-dixxiplina partikulari tal-ligi specjali stabbilita f'dawn iz-zewg subincizi tipprevedi att unilaterali ta' recess bhal dan, sew fil-kaz ta' licenzjament ("jibghat 'il barra", subinciz 11) minn min ihaddem, sew fil-kaz ta' rizenja mill-impjegat ("jitlaq mis-servizz", subinciz 12). L-uzu tal-kliem jispjega l-manifestazzjoni tal-volonta` mill-partijiet

kontraenti. Volonta` li trid ukoll tkun cara, univoka u definittiva. Ovvjament, kull kaz jinnecessita` l-accertament ta' din il-volonta` reali tal-partijiet u li jkun verifikat ukoll il-kondotta assunta in kontemplazzjoni ta' dak l-intendiment li jgib fis-sehh l-estinzjoni tar-rapport;

Minn ezami ta' l-istess provvedimenti surreferiti, il-ligi ma tipprovdi ebda forma jew spjegazzjoni meta, bhal f'dan il-kaz, l-impjegat hu meqjus li jkun telaq mis-servizz. Tali hu mholli ghall-interpretazzjoni tal-gudikant adit mill-meritu. Hu car, pero`, illi l-espressjoni "jitlaq mis-servizz" timporta qaghda fejn l-impjegat, sija minn xi dikjarazzjoni tieghu (ad ezempju, l-komunikazzjoni tar-rizenja bil-miktub), sija minn xi mgieba tieghu (ad ezempju, in-non ritorn tieghu fuq il-post tax-xoghol ghad-durata taz-zmien li jkun baqalu mill-kuntratt) ikun wera li hu ma riedx jissokta f'dik ir-relazzjoni tax-xoghol tieghu mal-principal;

Hi x'inhi l-forma adottata, dik id-decizjoni unilaterali ta' l-impjegat iggorr maghha s-sanzjoni tal-ligi, traskritta f'dak ta' l-obbligu li hu "ghandu jhallas lill-principal tieghu somma li tkun daqs nofs il-paga kollha li ghaliha huwa kien ikollu jedd kieku huwa baqa' fis-servizz ghall-bqija taz-zmien hekk espressament miftiehem" (subinciz 12). Jinzel minn dan illi dak id-dritt tieghu ezercitat b'dik id-decizjoni, fl-assenza wkoll ta' xi motiv gustifikat jew kawza gusta, kif, fil-kumpless hu wkoll il-kaz hawnhekk, ma kienx ihollu mill-obbligu li kellu fil-kuntratt ta' impjieg ghal zmien determinat mal-Kullegg. Kif espress fis-sentenza tal-Qorti Suprema ta' l-Appell fil-kaz "**Agostino Azzopardi & Sons Limited -vs- Randolph Schembri**", 15 ta' Jannar, 2001, "kulhadd kien liberu li jirreagixxi fl-ahjar mod fl-interess tieghu pero` dan mhux a skapitu ta' obbligazzjonijiet kontrattwali li bihom ikun marbut favur terzi. In sintesi kulhadd kellu jkun tenut responsabbli ghall-agir tieghu u ghall-konsegwenzi li tali agir jipprovoka bi pregudizzju ta' haddiehor". Ara f'sens konsimili s-sentenza ta' din il-Qorti kif presjeduta in re: "**Terranet Limited -vs- Andrew Grech**", Appell mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar, 4 ta' Ottubru, 2006;

F’dan ma hemm xejn gdid minn dak ritenut fir-rigward tal-kuntratti in generali fejn tkun prefissa xi penali: “Min jobbliga ruhu taht penali li jassumi l-obbligi minnu assunti hu obbligat li jhallas dik il-penali jekk ma jipprovax hu illi kien hemm xi raguni li tezentah minn dik il-penali” (“**Nicola Callus *et* -vs- Nicolina Farrugia**”, Appell Civili, 5 ta’ Gunju, 1959). Kif gja nghad, fil-kaz prezenti l-appellanti ma ressaq ebda raguni konvincenti. Jekk dik ir-rikjesta mill-Kullegg ghar-rimbors tas-somma li rceva f’paga zejda kienet “piz fuq familtu” f’dak il-mument kien jispetta lilu li jasal f’arrangament adegwat mal-Kullegg ghax hu, wara kollox, dik is-somma kien irceviha u hu wkoll kien konxju, jew messu kien konxju, illi kien qed jithallas mhux in korrispondenza ghas-sieghat ta’ xoghol effettivi stipulati fl-Addendum. Biex jinghad kollox, imbaghad, dik l-asserzjoni tieghu ma kellhiex taspira ghal dik il-kawza gusta li kienet tirrendi daqstant intollerabbli l-prosegwiment minnu tar-rapport ta’ impjieg. Ikollu jinghad li dik id-decizjoni tieghu kienet wahda volontarja, u bl-ebda mod imposta, rivolta biex hu jbiddel radikalment ir-rapport tax-xoghol. Ghal dan l-agir ma kellux jistenna l-indulgenza tal-Qorti jew id-dizapplikazzjoni tal-vot tal-ligi. L-aggravju fuq dan il-punt hu, allura, insostenibbli u qed jigi rigettat;

Kwantu ghal motiv l-iehor dedott mill-appellanti illi hu, se mai, kellu jhallas somma inferjuri minn dik pretiza bhala rifuzjoni tal-paga zejda li thallas, tajjeb li jigi osservat illi, jekk hu hallas taxxa jew kontribuzzjoni tas-sigurta` socjali aktar minn dak dovut, in vista ta’ dak l-istess hlas in eccess, din il-kwestjoni ghandu jirrizolviha mad-dipartimenti koncernati izda ma jistax jippretendi li ghal dan ghandu jahgmel tajjeb il-Kullegg appellat. F’kull kaz, lanqas ma jidher mill-atti illi ngiebet prova korroborativa tal-kwantum ta’ taxxa jew tal-bolla minnu effettivament zborsat. Anke ghal din ir-raguni l-ilment tieghu in ispecje qed jitqies infondat.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez ta’ din l-istanza kontra l-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------